MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Numru 748/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**versus**

**Michael Angelo Pace**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Michael Angelo Pace ta’ 34 sena bin Carmelo u Maria Dolores nee Stone imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Lulju, 1971 u li joqgħod fi Falt Numru 3 Bini tla-Gvern, Blokk 1, Ħamrun u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 331171 (M)

Akkużat talli fl-24 t’Awissu 2005 u fil-ġranet ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer b’diversi atti magħmulin fi żminijiet

differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

(a) iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus flasifikati liema biljetti tal-flus falsifikati humwa ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati u dan bi ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kap 204 u ta' l-artikoli 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuza leġittima jew raġjonevoli, xtara jew rċeva mingħand xi persuna kif ukoll kellu fil-pussess tiegħu biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati u dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(c) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' iktar minn LM500 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(d) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' inqas minn LM100 għad-dannu ta' Paul & Rocco Service Station tal-Marsa u ta' A Fenech Service Station ta' San Pawl il-Bahar, diversi pompi tal-petrol oħra u tas-sidien ta' l-istess pompi tal-petrol u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(e) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol stations, fosthom Paul & Rocco Service Station tal-Marsa, A Fenech Service Station ta' San Pawl il-Bahar u pompi oħra għad-dannu tas-sidien ta' l-istess pompi tal-petrol u

persuni oħra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-lok u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(f) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex imexxiehom jew ibiegħhom u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(g) U iktar talli fit-23 ta' Awissu 2005 f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu jew kontroll tiegħu jew f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta lit kun, b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 13(1) tal-Kap 66 u l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U b'hekk l-akkużat sar riċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) diversament preseduta u datata 30 ta' April 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 3311 tas-sena 1971; il-fedina penali ta' l-imputat (ara fol 10 et); l-erba' ritratti li kienu mmarkati A, B, C u D fid-dokument IA04 a fol 32; il-bank notes li kienu ppreżentati fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2005; iktar bank notes a fol 33 kif wkoll a fol 34; is-security print outs fid-dokument IA08 u IA09; iktar flus allegatament foloz bħala Dok IA10 u IA12; id-dokument IA17 li juri li l-imputat ma kellux armi li qegħdin liċenzjati f'ismu (fol 44); l-istqarrija ta' l-imputat Dok IA18 a fol 45

sa 48; is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr Abigail Lofaro fit-30 ta' April 2003 fl-ismijiet 'Pulizija vs Michael Angelo Pace' a fol 49 u li fiha l-imputat kien kkundannat sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin; id-dokument CD li jinsab a fol 66 li jidher il-history tal-log book; ir-records mill-ETC dwar ix-xogħol li kien jagħmel l-imputat matul diversi snin; l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali u li jinsabu a fol 144 tal-proċess; u fl-aħħar nett l-ammissjoni li għamel l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha, liema ammissjoni saret fl-20 ta' Mejju 2008. L-imputat ngħata ħin biżżejjed sabiex jaħsibha iżda l-imputat reġa kkonferma l-ammissjoni tiegħu. Rat ukoll li dan il-proċess tħalla għas-sentenza għas-17 ta' Settembru 2008

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

Mill-fatti rriżulta li ttieħdu ritratti mmarkati C u D fejn jidher l-imputat Michael Angelo Pace jitfa' l-flus biex jieħu il-petrol (fol 28).

Id-dokument IA 17 jirriżulta li l-imputat Dok IA17 ma kellu l-ebda arma rreġistrata f'ismu.

**L-istqarrija ta' l-imputat**

Mill-istqarrija ta' l-imputat joħroġ biss li hu kien qed isuq taxi bajda bin-numru KBY 141. Kien kera din it-taxi għal LM70 fil-ġimgħa mingħand ċertu Joseph Zammit li joqgħod il-Għargħur Bypass. Mill-bqija l-imputat prattikament ma wieġeb għall-ebda mistoqsija għajr x'kien in-numru tal-mobile tiegħu kif wkoll illi qal li s-sid tat-taxi kellu wkoll iċ-ċwievet tat-taxi (fol 46).

PS 1124 Vince Micallef xehed illi meta saret it-tfittxija KBY 141 li kienet misjuqa mill-imputat nhar it-23 ta' Awissu 2005, is-surġent Gordon Borg kien sab taħt it-tapit envelope kannella u sikkina miftuħa. F'dan kien hemm 20 nota tal-LM2 li kienu suspettati foloz. Minn ġo glove

compartment ieħor kien hemm pouch aħmar li kellu miktub fuqu ‘John’s Garage’ ta’ l-annu 2003 u instabu żewġ noti ta’ flus suspettati li huma foloz ta’ LM2 il-waħda. Il-flus kellhom l-istess serial number A19 261855.

Christopher Darmanin xehed li l-karozza reġistrata KBY 141 hija Mercedes Benz 150 ta’ kulur abjad u tgħajjat lis-Sur Joseph Zammit ID78967M. Dan ix-xhud ppreżenta wkoll kopja tal-log book.

Xehed ukoll PS 494 Gordon Borg illi qal li kellu diversi rapporti minn sidien tal-pompi tal-petrol fosthom Paul & Rocco tal-Marsa u A Fenech Service Station ta’ San Pawl il-Baħar li kienu rċevew ammont ta’ flus foloz li kellhom is-CCTV cameras u kellhom possible suspect min seta’ tefagħhom. Mir-ritratti illi ħarġu dehret il-karozza li kienet Mercedes bin-numru KBY 141. It-taxi kien reġistrat f’isem Joe Zammit li kien wellieh lil Michael Angelo Pace. Kienet saret tfittxija u taħt it-tapit tal-karozza kien instab envelope abjad li kien hemm 20 notes ta’ LM2 il-waħda u kollha bl-istess serial number. Taħt it-tapit kien hemm ukoll foldable knife. Fil-glove compartment instab ukoll pouch aħmar li fuqu kien hemm il-kliem ‘John’s Garage.’ Kellu fih ID card kif wkoll żewġ karti oħra ta’ LM2 foloz bis-serial number l-istess bħall-20 l-oħra. Fuq biċċa karta żgħira kien hemm speċi ta’ price list ta’ kemm kienu qed jinxtraw il-flus foloz (fol 69). Dan ix-xhud wkoll kkonferma d-dokument IA11, IA13, IA15, IA16.

Joseph Zammit xehed li huwa kien kera it-taxi lill-imputat. Dan kien sar madwar 8 jew 9 xhur qabel. U kienet tkun dejjem f’idejh. L-imputat kien iħallas Lm70 fil-ġimgħa ta’ l-użu tat-taxi. Meta kien muri Dok IA14, dan ix-xhud għaraf it-taxi tiegħu. Huwa caħad li l-mus li kien hemm fil-karozza kien tiegħu.

L-Ispettur Ian Joseph Abdilla spjega kif il-pulizija kienet rċeviet rapporti minn żewġ pompi tal-petrol partikolari cioe Paul & Rocco Service Station ġewwa l-Marsa u A Fenech Service Station ġewwa San Pawl il-Baħar fejn kienu qed jirċevu flus foloz minn ġewwa l-pompi awtomatici tal-petrol

stations tagħhom. Dehret l-istess persuna u l-istess karozza.

L-ewwel rapport kien ta' Paul & Rocco Service Station ġewwa l-Marsa fejn informa lill-pulizija li bejn it-2 u 3 ta' Awissu fis-7.17pm xi ħadd kien mar fil-pompa tiegħu u kien tefa' sitt karti tal-Lm2 biex ħa LM12 diesel minn ġewwa l-pompa tal-petrol.

L-ispettur qal illi s-sitt karti tal-flus kellhom numru A21 800380 is-sitta li huma. Dawn kienu preżentati f'envelope komplessivament bħala Dok IA02. Dok IA03 hija riċevuta li ħarġet mill-uffiċċju ta' l-ispettur stess. L-ispettur qal li huma kienu ġabru wkoll 4 ritratti li ttieħdu mis-CCTV system wara l-inċident. Fir-ritratti tidher white taxi bin-numru KBY 141 u il-persuna li kienu għarfu l-pulizija kienet dik ta' Michael Angelo Pace.

Kien daħal imbgħad rapport minn A Fenech Service Station ta' San Pawl il-Baħar fejn kien infurmahom li rċeva li 18-il karta tal-flus foloz f'żewġ okkażżjonijiet separati. L-ewwel 9 karti tal-flus foloz tal-LM2 kien rċeviehom fil-lejl ta' bejn it-23 u 24 ta' Lulju.

Kien hemm inċident ieħor fil-lejl ta' bejn id-29 u 30 ta' Lulju 2005 għall-ħabta tas-1.08am fejn wkoll l-ispettur ppreżenta 9 karti tal-LM2 biex iġibu LM18 petrol b'kollox. Dawn kellhom is-serje A21 612376. Il-flus kienu ppreżentati fid-dokument IA06.

L-Ispettur kkonferma dak li kienu xehdu qabel PS 494 Gordon Borg u PS 1124 Micallef dwar it-tfittxijiet li saru fil-karozza li kienet f'idejn l-imputat. Huwa wkoll ppreżenta xi notamenti dwar il-prezzijiet ta' kemm kienu jinbiegħu il-flus foloz tal-LM2 u tal-LM5 (fol 84). Dwar il-mus, l-imputat mill-ewwel kien ammetta li kien tiegħu (fol 84). L-imputat kien identifika persuna mingħand min kien xtara l-flus (fol 85).

Xehed Amante Farrugia li huwa l-uffiċjal inkarigat fil-Bank Ċentrali fil-currency surveillance unit. Dan ikkonferma li s-sitt karti tal-LM2 huma ikkupjati. Karta ġenwina tal-flus

ikollha a different number. Huwa qal li ċertu security features li jafhom anke il-pubbliku bħal per eżempju il-watermark ma tidhirx waqt illi t-thread hemm kopja tagħha pero mhix oriġinali.

A fol 91 dan ix-xhud kompla jara iktar karti tal-LM2 li kkonferma li kienu nieqsa minn security features u għal hekk dawn ma humiex oriġinali. Ara wkoll fol 92. L-imputat qatt ma kien ngħata xi permess biex b'xi mod ikollu dawn il-flus jew iqassam dawn il-flus.

Xehdet wkoll WPC 245 Deborah Grima li kellha x'taqsam ukoll ma' l-investigazzjoni dwar il-flus li kienu intefgħu fil-pompa ta' Paul & Rocco tal-Marsa u ta' A Fenech ta' San Pawl il-Baħar. Huma kienu stabbilew li t-taxi kellu number plate ta' KBY 141 u li kienet ta' Joseph Zammit. Din kkonfermat il-verżjonijiet li ngħataw minn PS 494 Borg u PS 1124 Micallef dwar kif kienu instabu il-flus foloz fit-taxi illi kienet fid-detenzjoni ta' l-imputat.

Xehed Paul Buhagiar iben Rocco spjega kif il-flus kienu jidħlu fil-magna filgħaxija waħda fuq l-oħra (fol 98). Ma jistgħux jinqabżu waħda lill-oħra. Huwa jgħodd liema entry kienet u ifittixha. Huma ma jħarbatx il-flus kif ikunu inġabru mill-kaxxa. Hu spjega li l-kaxxa hija magħluqha u għandha ġenb minnhom jinfetaħ. Tiftaħ il-ġenb u teħodhom kif ikunu. Imbgħad tibda minn taħt tgħodd waħda waħda u ssib fejn inti ħazin eżempju numru 15. Huwa kien sab sitt karti foloz fil-magni tiegħu. Huwa kien ċempel lill-pulizija u ġew jiġbruhom. Is-sistema tiegħu għandha CCTV wkoll u għal hekk seta jaqbad min kienet il-persuna għax seta jaqbad bil-camera, tara l-ħin ta' meta kien hemm it-transazzjoni u imbgħad tara l-camera. Mistoqsi mill-Qorti jekk ir-ritratt jaqbilx mal-ħin ta' meta intefgħu il-flus foloz, dan ix-xhud wieġeb iva.

Xehed ukoll Philip Bonnici ta' l-ETC li ppreżenta registration history ta' l-imputat u employment history tiegħu.

Xehed ukoll Angelo Fenech li qal li kien sab xi flus foloz. Imbgħad kien hemm darb'oħra bejn it-23 u 24 ta' Lulju u

reġa sab 9 ġol-machine u reġa sab wara ġimgħa oħra fil-weekend. Imbgħad qed jara il-camera u sab li kien hemm xi ħadd li kien qed jitfa' disgħa wara xulxin. Reġa mar il-ġimgħa ta' wara u reġa sab l-istess bniedem jitfa'. Il-pompa tiegħu jisimha Fenech Service Station, Mosta Road St Paul's Bay. Huwa kkonferma d-dati ta' bejn it-23 u l-24 ta' Lulju u fil-weekend bejn id-29 u 30 ta' Lulju. B'kollox kellu disgħa u disgħa u għaxra. Huwa kkonferma li kien hemm ritratti meħudin minn fuq il-camera tiegħu u kkonferma wkoll li dak kien il-pump number 1 u kkonferma li kienet il-karozza li ra dieħla dak inhar. Il-karozza kienet Mercedes bajda u il-karti tal-flus jaqgħu fil-magni waħda fuq l-oħra. JIdher illi dan kellu jitħallas xi LM36 u skond ma hawn a fol 129 dawn il-flus kien għaddiehomlu il-prosekutur nnifsu.

A fol 135 il-prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li l-imputat kien għadda is-somma ta' LM12 lill-uffiċjal prosekutur seduta stante biex jgħaddiehom lil Paul & Rocco Service Station għad-danni li sofrew rigward flus foloz.

Xehed ukoll Ivan Cilia li qal li huwa jaħdem fis-sezzjoni ta' diżimpieg u dawk li jirreġistraw għax-xogħol. L-ispettur talab mill-perjodu 1 ta' April 2005 sa' l-24 ta' Awissu 2005 jekk is-Sur Michael Angelo Pace kienx jirreġistra u fil-każ kemm kien ħa flus. Issa rigward ir-reġistrat dan ix-xhud kkonferma li kien jirreġistra u li dwar kemm ha flus huwa kien ġab il-P3 bħala prova. L-imputat ma għadux jirreġistra.

A fol 141 id-difiża eżentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' x-xhud ta' l-identita' tas-sentenza esebita u qablet li din is-sentenza ġiet ġudikata.

Rat l-artikoli mibġħuta mill-Avukat Ġenerali li kienu 45 u 46 tal-Kap 204 u 18 tal-Kodici Kriminali; 18, 308, 309, 310 tal-Kap 9; 18, 263, 269, 270 tal-Kap 9; 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali; 18 u 13(1) tal-Kap 66l; 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u allura dawn huma ppruvati skond il-liġi.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204, l-artikoli 17(h), 18, 308, 309, 310, 263, 269, 270, 334, 49 u 50 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 13(1) tal-Kap 66 (qabel dan kien sostitwit b'Att ieħor), issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha barra tas-sitt imputazzjoni b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda għaliex l-imputat mexxa l-flus iffalsifikati u mhux kien hu li ffalsifikahom[1], huma wkoll assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ir-raba' u l-ħames imputazzjoni u qed tilliberah mis-sitt imputazzjoni li hija alternattiva għall-ħames imputazzjoni.[2] Dwar il-piena l-Qorti qieset l-aspett pożittiv li l-imputat radd lura l-flus lil Paul and Rocco Service Station tal-Marsa u lil Fenech Service Station ta' San Pawl il-Baħar.

**Ma jidhirx pero' li radd lura lill-Gvern ta' Malta s-somma ta' Lm600.28 ċenteżmu (ara fol.138) (illum €1398.28) u dawn ukoll iridu jintraddu lura.**

Il-Qorti qed  tiddisponi mill-piena kif ġej:

(a) Wara li rat l-artikoli 28B  tal-Kap 9 u  s-sentenza tat-30 t'April 2003 qed testendi ż-żmien ta-sospensjoni ta' din is-sentenza bi **tliet** snin mil-lum. Il-Qorti qed twissi lill-imputat dwar il-konsegwenzi serjissimi jekk iwettaq xi reat ieħor.

(b) Barra minn dan, dwar ir-reati l-oħra qegħda tiddisponi hekk:

(i) wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum u wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9 tikkundannah iħallas multa **ta' €550** liema multa tista' titħallas bir-rata ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum.  Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ

[1] Li kieku ffalisifkahom hu ma kienx ikun hemm assorbiment ai fini ta' l-artikolu 17(h) tla-Kap 9.  Ara: Professur Anthony Mamo – Notes on Criminal Law Part 1
[2] Fl-imputazzjoni jidher il-kliem 'ta' aktar minn Lm500 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

ikun dovut f'daqqa. Jekk ma tiħallasx xi parti minn din il-multa, il-parti li ma titħallasx għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi serji jekk hu jwettaq xi reat għax dan ikun ifisser li

(a) awtomatikament ser jeħel is-sentejn priġunerija imposti fuqu;

(b)ma' dan ikun trid tiżdied il-piena għar-reati li jidhru fiċ-ċitrazzjoni tal-lum;

(ċ) U fl-aħħarnett il-piena ta' xi reat ġdid li jkun wettaq.

(ii) Oltre dan qed tikkundanna u tobbliga lill-imputat, u dan ai termini ta' l-artikolu 24(1)(2) tal-Kap 446, sabiex iħallas lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali €1398.28 fi żmien xahrejn mil-lum. Din il-parti tas-sentenza għandha l-istess forza ta' sentenza ċivili u għalhekk id-Direttur tas-Sigurta' Soċjali jista' jinforzaha daqs sentenza ċivili bil-mandati relevanti jekk ikun hemm bżonn..

**Il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tkun notifikata minnufih lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali sabiex dan ikun jista' jiġbor il-flus kollha dovuta lilu bis-saħħa ta' din is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------